Minuti tal-1 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali Gharb li saret nhar il-Erbgha 1 ta' Lulju, 2009. Il-laqgha nbdiet hin 5.40pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
| --- | --- |
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | Carmen Vella |

| **Ufficjali:** | |
| --- | --- |
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Attard |

Carmen Vella bhala l-Kunsillier l-aktar anzjan ippresediet.

Intqalet it-talba.

1. **Accettazzjoni tal-kariga mis-Sindku.**

1.1 Carmen Vella qalet illi wara l-elezzjonijiet tas-6 ta' Gunju, u skond ir-rizultati ufficjali tad-DOI il-kariga ta' Sindku tmiss lil David Apap Agius. Hija staqsietu jekk jaccettax din il-kariga. Huwa ikkonferma l-accettazzjoni tal-kariga u wara li iffirma id-dokument tal-accettazzjoni tal-kariga kompla jippresiedi.

2. **Accettazzjoni tal-kariga mill-Vici Sindku.**

2.1 Is-Sindku spjega illi wara l-elezzjonijiet tas-6 ta' Gunju, u skond ir-rizultati ufficjali tad-DOI il-kariga ta' Vici-Sindku tmiss lil Raymond Cassar. Huwa staqsieh jekk jaccettax din il-kariga. Raymond Cassar ikkonferma l-accettazzjoni tal-kariga u iffirma id-dokument tal-accettazzjoni tal-kariga.

3. **Tqassim ta' dokumenti u informazzjoni dwar l-operat tal-Kunsill.**

3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv tat kopja tal-ligi tal-Kunsilli Lokali, kodici ta' etika u kodici dwar l-ahjar prattici lill-membri kollha. Qassmet ukoll il-programm tat-tahrig imniedi mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali ghall-kunsillieri godda.

3.2 Is-Sindku spjega illi fiz-zmien ta' qabel l-elezzjoni ikun hemm 'tellieqa' bejn il-partiti politici, izda issa li l-elezzjoni ghaddiet wiehed ghandu jinsa jekk hux qieghed f'maggoranza jew minoranza u talab ghal 4 snin ta' hidma u kollaborazzjoni. Is-Sindku spjega ir-rwol tas-Segretarju Ezekuttiv li hija responsabbli mill-finanzji u l-amministrazzjoni tal-Kunsill u li ghandha tkun ta' gwida ghall-Kunsill biex jimxi mal-ligi.

3.3 Is-Sindku spjega illi fil-laqgha li jmiss huwa ser jiddelega responsabilitajiet lil kull Kunsillier f'oqsma differenti. Spjega pero illi dan ma jaghti l-ebda setgha jew awtorita' lill ebda membru tal-Kunsill biex jiehu inizjattivi jew decizjonijiet 'il barra minn dak li jkun diskuss fil-laqghat tal-Kunsill. Is-Sindku spjega illi decizjonijiet tal-Kunsill ghandhom ikunu diskussi u approvati waqt il-laqghat tal-Kunsill u li huwa jerfa' responsabilita' biss ta' dak li jkun approvat fil-laqghat tal-Kunsill u talab lill-membri biex hadd ma jiehu inizjattivi personali. Huwa spjega illi laqghat tal-Kunsill isiru fuq medja ta' darba fix-xahar izda fejn ikun jinhtieg isiru aktar spiss u jekk ikun hemm bzonn anke tissejjah laqgha tal-Kunsill b'urgenza.

3.4 Is-Sindku ta' informazzjoni generali dwar l-andament tal-Kunsill u x-xogholijiet u progetti li qed isiru:-
Progett ta' Wied il-Mielah fejn ix-xogholijiet huma mistennija li jibdew fl-1 ta' Lulju, 2009.
Resurfacing fi Triq San Pietru fejn qed isir ix-xoghol bi preparazzjoni ghall-wet mix u wara l-oghti ta' l-ewwel kisja tarmak. Is-Sindku spjega illi l-pjan tal-Kunsill huwa illi wara Triq San Pietru issir Triq Trux.

3.5 Manuel Muscat staqsa x'rotta ser jiehdu id-Dipartiment tad-Dranagg biex issir it-trinka tal-masterplan – is-Sindku spjega li r-rotta ser tkun Wied il-Mielah – Triq il-Blata – Triq Frenc ta' l-Gharb – Pjazza Zjara tal-Madonna – Triq il-Knisja.

3.6 Dwar Triq Dun Alwig Mizzi fejn cediet parti mit-triq, is-Sindku spjega li din hija responsabilita' tal-Gvern Centrali u ser issir mill-Ministeru ghal Ghawdex.

3.7 Manuel Muscat staqsa fir-rigward ta' Triq Albert W. Ketelby. Is-Sindku spjega illi peress li din hija triq gdida ma taqax taht ir-responsabilita' tal-Kunsill izda tal-Gvern Centrali.

3.8 Is-Sindku ta' informazzjoni wkoll dwar ix-xogholijiet ta' refurbishment tal-ground tal-fubtol fejn ix-xoghol sar mill-Kunsill bil-ghajnuna tal-Ministeru ghal Ghawdex. Ix-xoghol li fadal x'isir biex il-ground ikun lest biex jintuza ghall-istagun li jmiss huwa li jsiru il-gates, tinfetah l-entratura il-gdida, jigi livellat u jinghata ir-ramel. Is-Sindku spjega wkoll illi il-hsieb li l-ground isir bit-turf qieghed hemm pero irid ikun hemm il-fondi biex dan ikun jista' jsir.

**Pagna 3 Minuti tal-1 laqgha**

3.9 Dwar il-playing field fi Triq Tumas Cassar is-Sindku spjega illi l-pjan huwa li dan jigi trasferit minn fuq is-saqaf tal-kumpless sportiv ghaz-zona ta' ma genb il-kumpless sportiv. Is-saqaf tal-kumpless isir 'seating area' ghat-telespettaturi tal-loghob tal-futbol, kif kien ippjanat originarjament li jsir. Gie spjegat ukoll illi s-saqaf tal-kumpless sportiv jinhtieg manutenzjoni u li l-Perit Carmelo Borg huwa il-perit responsabbli minn dan il-progett.

3.10 Is-Sindku spjega illi hemm applikazzjoni ghal outline development permit ghal kampus sportiv fiz-zona ta' madwar il-ground tal-futbol. Manuel Muscat staqsa jekk jezistux pjanti. Is-Sindku spjega illi hemm pjanti u li wiehed ikun jista' jidhol aktar fid-dettall fil-laqghat li gejjin.

3.11 Is-Sindku spjega illi l-Kunsill ricentement issottometta zewg applikazzjonijiet taht ir-rural development fund u spjega wkoll il-kontenut ta' dawn l-applikazzjonijiet. Manuel Muscat staqsa jekk fil-kaz ta' restawr fi propjeta' tal-Knisja bhal kappella ta' San Dimitri u Taz-Zejt tapplikax il-policy tal-kurja li tiehu 10% mill-fondi li jkunu allokati. Is-Sindku spjega illi f'dak il-kaz ikun irid isir ftehim illi l-10% ma tapplikax inkella jintilfu il-fondi. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat illi l-Kunsill ma jistax jaghmel nefqa fi propjeta' privata. Spjegat illi qabel giet sottomessa din l-applikazzjoni hi staqsiet lid-Direttur Gvern Lokali jekk il-Kunsill jistax jaghmel ko-finanzjament fi propjeta' tal-Knisja u huwa wiegeb li le. Min naha tieghu is-Sindku staqsa l-istess mistoqsija lis-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said li qal illi l-Kunsill jista' japplika jekk hemm il-'guardianship agreement' iffirmat. Fil-fatt 'gaurdianship agreement' gie iffirmat mar-Rettur Dun Achille Cauchi. Is-Segretarju Ezekuttiv tat il-parir illi jekk il-fondi jigu approvati il-Kunsill ghandu jgib l-approvazzjoni bil-miktub f'dan ir-rigward qabel ma jaghmel ix-xogholijiet.

3.12s-Sindku spjega illi l-Kunsill kien qed jghin lill-parrocca biex tapplika ghar-restawr tal-faccata tal-knisja parrokkjali. L-istima tar-restawr li ghamel il-Perit Edward Scerri kienet tilhaq il-miljun ewro. Gie spjegat illi lura fl-2004 kienu sar survey u pjanti min naha tal-Kunsill, izda l-applikazzjonijiet ghall-fondi ewropej hargu issa. Gie spjegat illi il-parrocca iddecidiet illi ma tapplikax ghall-fondi ghaliex rat illi l-ammont ta' ko-finanzjament huwa kbir. Carmen Vella qalet li l-hsieb tal-parrocca kien li bil-flus li ser jintefqu f'ko-finanzjament il-Knisja tkun kapaci taghmel ix-xoghol ta' manutenzjoni mehtieg.

3.13Fir-rigward tal-Muzew tal-folklore li huwa propjeta privata is-Sindku spjega illi il-ko-finanzjament ser isir mis-sid.

Manuel Muscat staqsa dwar il-fondi tal-Kunsill fil-prezent. Is-Sindku spjega illi il-Kunsill spicca b'surplus is-sena finanzjarja li ntemmet 31 ta' Marzu, 2009 u spjega

illi l-Kunsill ser ikun qed jinghata aktar dettalji dwar il-fondi u l- budget kif ukoll jiddiskuti il-pjan ta' hidma ghall-4 snin li gejjin fil-laqghat li jmiss.

**4. Attivitajiet Lulju/Awissu 2009.**

4.1 Is-Sindku spjega illi l-Kunsill ghandu approvati fondi ewropej biex isir 'town twinning citizens meeting' fl-Gharb. Ghal dan il-progett huwa mistiedna il-lokalitajiet ta' Comunita' Collinare Colli Tortonesi u Veglie gewwa l-Italja. Il-progett kellu jsir fi zmien il-festa izda peress illi l-lokalitajiet mistiedna qed isibu diffikulta biex jigu f'dan iz-zmien intalab postponiment biex din l-attivita' issir f'Awissu, 2009. Il-Kunsill iddiskuta id-dati u qabel li d-dati proposti ghandhom ikunu bejn 27 ta' Awissu u 1 ta' Settembru, 2009 f'liema perjodu il-Kunsill jiccelebra Jum l-Gharb li din is-sena ser jahbat is-Sibt.

4.2 Gie spjegat ukoll illi il-Gimgha 3 ta' Lulju, 2009 ser isir attivita' kulturali, kuncert minn Corpo Musicale Citta di Trento fuq il-palk fil-pjazza principali. Gie spjegat illi il-Kunsill mhux ser ihallas ta' dan is-servizz izda ser jipprovdi it-transport u ikla.

4.3 Il-Hadd 5 ta' Lulju, 2009 ser issir l-Infiorata. Is-Sindku spjega illi din is-sena id-dizinn sar min Odette Camilleri. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghti kumpens lil Odette ta' dan is-servizz u gie spjegat illi Ruben Camilleri kien jinghata somma ta' LM50. Is-Sindku spjega illi Michael Bajada ser ikun qed ipingi it-tapit u stieden lil min jixtieq jaghtih daqqa t'id. Is-Sindku issuggerixxa illi ghandhom isiru bollards madwar l-Infiorata. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li dawn ghandhom ikunu tal-hadid, izda peress li z-zmien qorob sew ikun ahjar jekk dawn jigu ppreparati ghas-sena id-diehla biex xhin isiru isiru sew. Raymond Cassar gie inkarigat igib katalogu flimkien ma kwotazzjoni minghand Vassallo & Xuereb ghal 8 bollards.

4.4 Is-Sindku spjega wkoll illi qed isiru preparamenti ghal korsijiet tas-sajf. Carmen Vella ipproponiet illi jsir kors taz-zfin/drama fejn l-istudenti ikunu jistghu ihejju attivita' ghal Jum l-Gharb.

4.5 Raymond Cassar qal illi kien qed jitkellem ma persuna fin-negozju li huwa interessat li jisponsorja show ta' loghob tan-nar jew show ta' muturi li ssir fil-lokalita' tal-Gharb. Huwa staqsa jekk il-Kunsill huwiex interessat u ghandux ikompli ghaddej bid-diskussjonijiet ma din il-persuna. Il-Kunsill qabel li Cassar jista' jkompli jiddiskuti mal-individwu ikkoncernat biex jara x'lest li joffri filwaqt li jzomm lis-Sindku infurmat. Meta titressaq il-proposta finali quddiem il-Kunsill huwa importanti li l-aspett finanzjajru ikun car.

4.6 Is-Sindku spjega illi fil-laqghat li gejjin il-Kunsill ghandu jiddiskuti il-kalendarju kulturali tieghu. Hawnhekk issemmiet l-attivita' Seher il-Punent. Carmen Vella issuggeriet illi ghal Jum l-Gharb jingabu il-kantanti tal-Ghanja tal-Poplu. Is-

Sindku issuggerixxa illi l-Kunsill ghandu jahseb f'affarijiet innovattivi, per ezempju show ta' ilma u dwal qatt ma saret.

4.7 Is-Sindku spjega illi attivitajiet kulturali bhal Seher il-Punent ma jsirux li kieku mhux ghall-ghajnuna minn sponsors. Huwa spjega illi jixtieq li jkun hemm kunsillier li jkun responsabbli minn dan il-qasam.

4.8 Raymond Cassar semma il-karnival u spjega illi l-iskola primarja kienet qed tiltaqa ma diffikultajiet finanzjajri biex tkompli tittella danza tal-karnival bil-partecipazzjoni tal-istudenti. Huwa issuggerixxa illi l-Kunsill ghandu jghin sabiex din l-attivita' kulturali tibqa tinzamm u issuggerixxa li ghandu jghin biex ikun hemm skambju ma lokalitajiet ohra.

4.9 Is-Sindku spjega illi il-Kunsill jghin lill-iskola primarja billi jaghmel donazzjoni u li fis-sena li ghaddiet ghen flimkien mal-HSBC fil-provvista ta' interactive white board, software u touch screen monitor.

4.10 Is-Sindku spjega illi huwa kien iltaqa wkoll mal-kap u ghalliema tal-iskola dwar il-prioritajiet tal-iskola u li l-Kunsill ghandu jevalwa l-possibilita' li jghin lill-iskola f'dawn il-prioritajiet fil-limiti tal-fondi disponsibbli.

4.11 Manuel Muscat staqsa dwar il-progett tac-child day care centre. Is-Sindku spjega illi l-policy tal-Kunsill hija illi ic-centru ikun centru licenzjat u skond l-istandards. Is-Sindku spjega illi il-Kunsill wettaq hafna xoghol f'dan ir-rigward fosthom kiseb il-permess tal-MEPA, is-sit gie devolut lill-Kunsill, u sahanistra inhargu l-applikazzjonijiet ta' child minders u intghazlet il-persuna. Gie spjegat illi l-Kunsill qed ihares lejn progett holistiku, il-progett tac-centru civiku li ser jinkludi wkoll ic-child care centre. Is-Sindku spjega illi hemm xi problemi dwar il-progett tac-centru civiku u li fil-laqghat li jmiss ser jigi diskuss dan il-progett fid-dettall biex il-Kunsill jiddeciedi kif ser jipprocedi. Gie spjegat illi l-Kunsill jinhtieg l-approvazzjoni tal-Ministru biex ikun jista' jittiehed self fuq il-progett. Intqal ukoll illi wara li inharget l-offerta tax-xoghol il-kuntrattur gie maghzul. Gie spjegat illi l-oggettiv tal-Kunsill huwa li l-ufficju tal-posta ikun jinkludi servizzi finanzjarji kif ukoll ic-centru tas-sahha ikun iservi b'hinijiet estizi. Dan ser ikun progett pilota.

4.12 Is-Sindku spjega illi hemm proposta ta' gemellagg bejn il-lokalita' tal-Gharb u l-lokalita' ta' San Giovanni Rotondo gewwa l-Italja. Hemm ukoll il-lokalita' ta' Quadrelle gewwa l-Italja fejn min naha tal-lokalita' tal-Gharb ga saret l-ewwel zjara. Il-Kunsill qabel li fil-parametri tal-Avviz Legali 144/2009 dwar gemellaggi ghandu jhejji pjan biex ikunu jistghu jigu isiru dawn il-gemellaggi.

## 5. Materji ohra.

5.1 Raymond Cassar gibed l-attenzjoni illi iz-zona ta' madwar l-iskips fi Triq San Pietru mhux qed tinzamm nadifa. Ghandha tingibed l-attenzjoni tal-KIP dwar dan.

5.2Saret diskussjoni wkoll dwar l-iskip fi Triq Birbuba fejn ukoll qed ikun hemm problema u s-Sindku spjega illi diga ingibdet l-attenzjoni tal-kuntrattur f'dan ir-rigward.

5.3Gie imsemmi il-fatt illi fil-mument il-camera ta' fuq l-iskip fi Triq San Pietru mhux tahdem. Is-Sindku ippropona illi ghandha tigi studjata skema biex l-Gharb ikun kopert b'kameras ta' sigurta. Il-Kunsill qabel ma l-idea.

5.4Gie spjegat illi f'Wied il-Mielah ser ikun hemm zewg security cameras.

5.5Carmen Vella gibdet l-attenzjoni illi l-pjazza mhux qed tinzamm nadifa. Is-Sindku spjega illi id-Dipartiment Indafa Pubblika qed jahdmu b'haddiem inqas fuq il-lokalita' tal-Gharb izda ghandha tingibed l-attenzjoni biex kemm jista' jkun tinghata attenzjoni lill-pjazza.

5.6Manuel Muscat issuggerixxa li jigi ntrodott servizz ta' mechanical sweeping.

5.7Lisa Brooke qalet illi kien hemm diversi ilmenti fir-rigward ta' bzonn ta' tindif fil-farm road kif thalli Triq San Pietru, propjament Triq Maxwell. Il-Kunsill ser javvicina lid-dipartiment ta' l-indafa publika sabiex titiehed azzjoni immedjata.

5.8Manuel Muscat staqsa dwar il-qtugh tal-haxix fil-farm roads. Is-Sindku spjega illi normalment il-haxix jinqata darba fis-sena minn Custo. Il-Kunsill qabel unanimament li ssir l-istess procedura tas-soltu.

5.9Saret diskussjoni dwar l-'outflow' tad-dranagg f'Wied il-Mielah. Is-Sindku spjega illi il-progett tat-tnehhija tal-'outflow' tad-dranagg minn Wied il-Mielah huwa responsabilita' tal-Gvern Centrali. Il-Kunsill qabel li din hija issue importanti li ghandha tigi trattata bi priorita u l-Kunsill ghandu jaghmel pressjoni biex dan isir. Is-Sindku spjega illi ir-rotta tad-dranagg hija stabbilita li ser tghaddi minn Triq il-Blata, Pjazza Gerano, Triq Frenc ta' l-Gharb, Pjazza Zjara tal-Madonna, Triq il-Knisja. Is-Sindku spjega wkoll illi l-Kunsill kien impona xi kundizzjonijiet fuq il-WSC fir-rigward ta' resurfacing.

5.10 Is-Sindku spjega illi l-Gvern Centrali ser ikun qed jifforma konsorzju ghall-manutenzjoni tan-network kollu tat-toroq li jaqghu taht ir-responsabilita' tieghu. Gie spjegat illi l-Kunsilli Lokali ser ikollhom l-ghazla jekk jinghaqdux ma dan il-konsorzju jew le.

**Pagna 7 Minuti tal-1 laqgha**

5.11 Manuel Muscat staqsa dwar il-hadida li kuntrattur privat kien qed iwahhal fi Triq Birbuba u li imbaghad tnehhiet. Is-Sindku spjega illi biha kien avzah Raymond Cassar u ittiehdet azzjoni immedjata sabiex din titnehha. Saret diskussjoni dwar kif jista' jsir id-dranagg taz-zewg djar in kwistjoni minghajr ma ssir hsara lill-wicc tat-triq.

5.12 Is-Sindku spjega illi l-Kunsill ser ikun jinhtieg li jaghmel manutenzjoni fejn hemm bzonn fit-toroq li saru bit-tarmak. Dan bi thejjija ghat-tieni kisja tarmak. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.13 Il-Kunsill iddiskuta ilmenti dwar sleeping policemen. Lisa Brooke gibded l-attenzjoni dwar over speeding u li hemm hafna ilmenti f'dan ir-rigward mir-residenti specjalment fi Triq il-Knisja.

5.14 Is-Sindku spjega illi fil-Kunsill precedenti kien gie approvat illi Bjorn Bonello jaghmel studju dwar is-sitwazzjoni tat-traffiku fl-Gharb.

5.15 Raymond Cassar qal illi iz-zona tal-Wilga waqt il-hinijiet tad-dhul u l-hrug tat-tfal mill-iskola ghandha tigi one way.

5.16 Saret diskussjoni dwar proposta ta' inizjattiva kongunta mal-privat biex isir communal parking.

5.17 Manuel Muscat issuggerixxa illi l-Kunsill jipprovdi servizz ta' transport fil-weekends ghaz-zaghzagh minn u lejn Victoria. Is-Sindku spjega illi wiehed irid jara dwar il-finanzjament ta' inizjattiva simili. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat illi din mhijiex responsabilita' tal-Kunsill.

5.18 Carmen Vella gibdet l-attenzjoni illi t-trasport pubbliku lejn ir-Rabat fis-7.15am huwa kmieni hafna. Is-Sindku spjega illi ser isir re-shuffle fit-trasport pubbliku f'Malta u Ghawdex.

5.19 Is-Sindku spjega illi jinhtieg li tehel tabella ta' bus stop fi Triq il-Knisja faccata ta' Triq Karmni Grima, peress illi l-operaturi tal-buses mhumiex obbligati li jieqfu fejn ma jkunx hemm bus stop. Raymond Cassar spjega illi l-istess fi Triq il-Madonna tal-Virtu' izda f'dan il-kaz fil-prezent ma jidhrix li hemm problema biex tal-buses jieqfu. Il-Kunsill qabel li dawn ghandhom jitwahlu.

5.20 Is-Sindku spjega illi hemm zewg locality signs approvati mill-MEPA illi ghadhom ma sarux.

## 6. Korrispondenza.

Giet trattata il-korrispondenza segwenti:-

**Pagna 8 Minuti tal-1 laqgha**

Mis-Segretarjat Parlamentari ghall-konsultazzjoni pubblika u informazzjoni ftehim ta' accettazzjoni dwar ghajnuna f'ko-finanzjament ta' €20,277 ghall-progett 'Wied il-Mielah – lejn turizmu sostenibbli li jirrispetta l-ekologija u l-ambjent. Wara li inqara l-ftehim il-Kunsill qabel unanimament li dan ghandu jigi iffirmat.

Mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali Memo 38/2009 dwar Kodici dwar l-ahjar prattici ghall-gvern lokali. Kopja tad-dokument Kodici dwar l-ahjar prattici ghall-gvern lokali ga inghatat lill-membri kollha.

Mill-MEPA:-
Notifika dwar applikazzjonijiet godda ghal-permess ta' zvilupp bir-referenza PA01928/09, PA02067/09, PA01427/09, PA02401/109, PA02404/09.
PC0029/09 – Il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel oggezzjoni ghal din l-applikazzjoni peress li l-Kunsill huwa ikkoncernat jekk l-art in kwistjoni hijiex art pubblika jew privata kif ukoll jekk isir dan l-izvilupp it-triq ser tidjieq drastikament u tohloq diffikultajiet f'kaz li jkun jinhtieg li tidhol ambulanza jew fire engine. Raymond Cassar u Lisa Marie Brooke talbu li jinghataw kopja tal-oggezzjoni.
PC0028/09 – Is-Sindku spjega illi din l-applikazzjoni titratta dwar il-plots ta' sidien privati fi Triq Tumas Cassar li l-Kunsill qed jghinhom u jaghtihom is-support sabiex il-process tal-applikazzjoni ikun imhaffef kemm jista' jkun.
Avviz biex tieqaf u ta' twettiq numru ECF00647/09.
Acknowledgements dwar applikazzjonijiet tal-Kunsill relatati mal-applikazzjoni ghall-fondi mir-Rural Development Fund: PA2151/09 u PA2404/09
Korrispondenza dwar applikazzjonijiet tal-Kunsill relatati mal-applikazzjoni ghall-fondi mir-Rural Development Fund fejn il-Kunsill intalab jissottometti Restoration Method Statement fir-rigward ta' PA2401/09 – Kappella San Dimitri u PA2402/09 Knisja Madonna taz-Zejt u cimiterju. Il-Kunsill qabel li l-Perit Edward Scerri ghandu jintalab ihejji ir-rapport mehtieg.
Talba ghal informazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill PA06080/09 – Centru Civiku, fejn il-Kunsill gie mitlub jipprezenta pjanti emendati.

Raymond Cassar staqsa fir-rigward tal-permess tal-mushroom farm fl-'area' ta' ta' Dbiegi. Ghall-beneficcju tal-membri il-godda is-Sindku spjega illi l-Kunsill gie irregistrat bhala 'objector', spjega wkoll li kien hemm diversi partijiet li kienu kontra dan l-izvilupp propost u li ghamlu l-oggezzjoni taghhom fosthom is-sidien tal-hwienet ta' ta' Dbiegi, l-ghaqdiet ambjentalisti u is-sidien li joqghodu f'dawk l-inhawi. Is-Sindku kompla li residenti ohrajn ghamlu diversi oggezjonijiet u intbaghtu lill-MEPA. Kopja tar-rapport li sar ser tinghata lill-membri.

Il-laqgha spiccat hin 8.15pm. Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv